# GĦALIH

Prayer Spaces in Schools Malta

Min jaf kemm ċapċpulek meta bdejt timxi jew meta għidt l-ewwel kliem tiegħek! Min jaf kemm ħassejtek importanti!  Għalkemm sabiħ li tħossok speċjali, Alla tak il-kapċitajiet u t-talenti biex il-qawwa tiegħu tasal għand l-oħrajn permezz tiegħek. Kulma nagħmlu għadna nagħmluh biex tidher il-qawwa ta' Alla fina u mhux biex nidhru sbieħ aħna.

- **Ħu ftit ħin biex tirringrazzja lil Alla għat-tajjeb kollu li tagħmel bħal meta tħobb, tgħin, tieħu ħsieb l-ambjent u tferraħ lill-oħrajn bit-talenti tiegħek.**
- **Fuq il-karti forma ta' friefet, ikteb l-azzjonijiet tajba li inti tagħmel ta' kuljum u li permezz tagħhom tkun qed turi l-glorja u l-qawwa t' Alla.**
- **Permezz tas-sbuħija tiegħu l-farfett jfakkarna kemm hu tassew kbir Alla.**
- **Fil-kwiet itlob lil Alla sabiex kulma tagħmel tagħmlu mhux biex tidher int imma biex tfakkar lil kulħadd kemm hu kbir Alla.**